

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' April 2009 — Tailor vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' but xellugi)**

(Kawża T-282/07) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta but xellugi — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2009/C 153/75)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Tom Tailor GmbH (Amburgu, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S.O. Gillert, K. Vanden Bossche u F. Schiwek, avocats)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Mejju 2007 (Każ R 669/2006-1) dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta but xellugi bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt
- 2) Tom Tailor GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 235, 6.10.2007

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' April 2009 — Tailor vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' but tal-lemin)**

(Kawża T-283/07) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Talba għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta but tal-lemin — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Rikors li huwa manifestament infondat fid-dritt”)*

(2009/C 153/76)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Tom Tailor GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S.O. Gillert, K. Vanden Bossche u F. Schiwek, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Mejju 2007 (Każ R 668/2006-1) dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta but tal-lemin bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.
- 2) Tom Tailor GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 235, 6.10.2007.

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2009 — Al Barakaat International Foundation vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-45/09)

(2009/C 153/77)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

**Partijiet**

Rikorrenti: Al Barakaat International Foundation (Spånga, I-Iżvezja) (rappreżentanti: L. Silbersky u T. Olsson, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— Tannulla r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1190/2008 inkwantu dan jikkonċerna lill-Al-Barakaat International Foundation;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1190/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jemenda għall-101 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban <sup>(1)</sup>, li jipprevedi ż-żamma tar-rikorrenti fuq il-lista ta' persuni u entitajiet li l-fondi u l-mezzi finanzjarji oħra tagħhom huma ffriżati skont ir-Regolament Nru 881/2002 <sup>(2)</sup>. Ir-Regolament (KE) Nru 1190/2008 kien ġie adottat wara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al-Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) li kienet annullat il-lista preċedenti li fuqha kienet tidher ir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti tinvoka l-motivi segwenti insostenn tar-rikors tagħha:

Il-Kummissjoni eċċediet il-poter tagħha peress li l-obbligu li tirrimedja għall-irregolaritajiet tal-proċedura amministrattiva ma jagħtihix il-poter temenda jew tikkompleta l-lista inkwistjoni.

Il-Kummissjoni kisret l-obbligu li tagħti raġunijiet, il-prinċipju ta' diliġenza, id-drittijiet tad-difiża kif ukoll id-dritt għal rikors effettiv peress li l-motivazzjoni li tiġġustifika ż-żamma tar-rikorrenti fuq il-lista naqset li tippreċiża l-allegata rabta bejn, minn naħa, ir-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, in-netwerk ta' Al-Qaida, Usama bin Laden u t-Taliban.

Il-Kummissjoni kisret il-projbizzjoni tar-retroattività tal-liġijiet peress li l-inklużjoni tar-rikorrenti fuq il-lista hija bbażata fuq avvenimenti li sehew 10 snin qabel.

Il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità peress li l-miżuri ta' ffrizjar previsti mir-Regolament ikkontestat jikkostitwixxu restrizzjoni sproporzjonata u inaċċettabbli li taffettwa d-dritt għar-rispett tal-proprjetà.

<sup>(1)</sup> ĠU L 322, p. 25.

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Meju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan (ĠU L 139, p. 9).

### Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2009 — Eliza vs UASI — Went Computing Consultancy Group (eliza)

(Kawża T-130/09)

(2009/C 153/78)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

#### Partijiet

**Rikorrenti:** Eliza Corporation (Beverly, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Köbbing, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Went Computing Consultancy Group BV (Utrecht, l-Olanda)

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-2 ta' Frar 2009 fil-Każ R 1244/2008-4; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

**Applikant għat-trade mark Komunitarja:** ir-rikorrenti

**Trade mark Komunitarja kkonċernata:** trade mark figurattiva "eliza" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9,37 u 42

**Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjla invokat insostenn tal-oppożizzjoni:** il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

**Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:** ir-reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja tat-trade mark verbali "ELISE", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 35 u 42

**Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:** oppożizzjoni milqugħa

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** rikors miċċud

**Motivi invokati:** Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill <sup>(1)</sup> (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009) sa fejn il-Bord tal-Appell ikkunsidra b'mod żbaljat li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trademarks inkwistjoni, f'moħħ il-pubbliku rilevanti.

<sup>(1)</sup> Sostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p.1)

### Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2009 — Félix Muñoz Arraiza vs UASI — Consejo Regulador de la Denominación de Origen Calificada Rioja (RIOJAVINA)

(Kawża T-138/09)

(2009/C 153/79)

Lingwa tar-rikors: L-Ispanjol

#### Partijiet

**Rikorrenti:** Félix Muñoz Arraiza (Logroño, Spanja) (rappreżentanti: J. Grimau Muñoz u J. Villamor Muguera, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Consejo Regulador de la Denominación de Origen Calificada Rioja (Logroño, Spanja)

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-29 ta' Jannar 2009 fil-Każ R 721/2008-2, billi tilqa' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja "RIOJAVINA" (trade mark verbali) fil-klassijiet 29, 10 u 35; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

**Applikant għat-trade mark Komunitarja:** Félix Muñoz Arraiza

**Trade mark Komunitarja kkonċernata:** Trade mark verbali "RIOJAVINA" (applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 4 121 621) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 29, 30 u 35.

**Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjla invokat in sostenn tal-oppożizzjoni:** Consejo Regulador de la Denominación de Origen Calificada Rioja.

**Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:** Diversi trade marks irriġestrati, fosthom it-trade mark figurattiva Komunitarja "RIOJA" (Nru 226 118), għal prodotti fil-klassi 33 u t-trade mark figurattiva internazzjonali "RIOJA" (Nru 655 291), għal prodotti fil-klassi 33.